**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Stephen Catania**

**Kump Nru: 1016/2012**

**Illum 7 ta' Frar 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Stephen Catania, iben Francis u Mary-Rose nee' Abela, imwieled Sliema nhar it-8 ta' Mejju, 1969 residenti Blk 14, Bieb A, Fl 1, Triq l-Istefanotis, San Gwann detentur tal-karta tal-identita' numru 180869M talli:

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-8 ta' Settembru 2012 ghal habta ta' xil-erbgha ta' filghodu (04:00am) gewwa l-istabiliment Clique li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Ruth Laus.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Ruth Laus, jew sabiex

jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, turbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub :

(a) fl-artikoli 214, 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikolu 382A, 383, 412C, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputat jinsab akkuzat li fit-8 ta' Settembru 2012 ghall-habta tal-erbgha ta' filghodu gewwa l-istabiliment Clique ikkaguna ferita gravi fuq Ruth Laus.

Ghad-determinazzjoni ta' dawn il-proceduri se ssir referenza ghall-punti saljenti ta' whud mix-xhieda:

L-Ispettur Trevor Micallef[1] xehed li kienu marru l-ghassa ta' San Giljan Ruth Laus u Paul Borg, li kienu ex-partners, fejn irrappurtaw li waqt li Paul Borg kien qieghed ikellem lil Ruth Laus fl-istabiliment mar bouncer

[1] Seduta tas-7 ta' Novembru 2012

fuqha, gibidha b'certu aggressivita' biex johrogha 'l barra, amrru xi bouncers ohrajn u xi hadd xejrilha daqqa ta' ponn u kakgunalha griehi ta' natura gravi. Hija ma kinitx taf min hija. Paul Borg qal li huwa kien gharfu u li kien certu Steve minn San Gwann. Wara dan l-incident kienu hargu 'l barra, nizlu ftit 'l isfel mill-istabiliment fejn bdiet tippanikja u Paul Borg qalilha biex tistennieh u kien sejjer ghas-sodisfazzjon. Waqt li kien hemm, skont Paul Borg resqu xi nies fuqu, bouncers, li tawh xebgha kbira u giet ambulanza ghalih. B'hekk il-pulizija gabet CCTV footage. L-incident ta' Ruth Laus ma deerx izda deher ta' Paul Borg li l-imputat ma kellu xejn x'jaqsam mieghu u gie stabilit ukoll li ma kienux bouncers lanqas li tawh xebgha. Ix-xhud wara verifiki li ghamel fuq talba tad-difiza xehed[2] li dakinhar tal-incident odjern fis-sistema tal-pulizija ma dahal l-ebda rapport fejn xi hadd irrapporta li sofra xi feriti apparti Ruth Laus.

Paul Borg xehed[3] li waqt li kien fi Clique jkellem lil Ruth Laus, omm uliedu, din marret ticcajta mieghu u kien hemm bouncer qalilha biex tohrog u sakemm qaltlu li ma kienet ghamlet xejn, mar l-imputat u taha daqqa ta' ponn fuq halqha, kisrilha snienha u kaxkruhom 'l barra. Marru lejn Bay Street u kif raha hekk qalilha biex tistennieh u mar ikellmu, regghu tefghuh 'il barra u telaq biex imur fejn Ruth Laus u mar wiehed fuqu qallu biex jitlaq ghaliex kienu se jaqbdu jtuh, u nizzlu lejn San Gorg u dahhallu mus jew sikkina fil-warrani u qala' xebgha ma jafx minn min.

In kontro-ezami[4] qal li l-ewwel inqala' incident li nqala' kien dak li wegghet Ruth Laus u wara xi kwarta safa' nidrub huwa. Huwa qal li l-imputat lilu ma messux. Qal li f'nofs it-tarag kien inqabad argument bejn Ruth Laus u tfajla ohra u raha b'xuftejha imtajra. Qal li assuma li kien l-imputat li wegaggha u dan billi kien hemm gegwigija. Huwa gie kkonfrontat bl-istqarrija li kien irrilaxxja *a tempo vergine* fejn kien qal li kien l-imputat li taha daqqa ta' ponn u filwaqt li ma cahadx dik il-versjoni qal li l-memorja tieghu mhux tajba izda min-naha l-ohra ikkonferma li qal hekk minhabba l-gegwigija qatt ma ra lill-imputat.

---

2 Seduta tas-7 ta' Dicembru 2017
3 Seduta tas-7 ta' Novembru 2012
4 Seduta tas-7 ta' Dicembru 2017

Ruth Laus xehdet[5] li dakinhar tal-incident kienet gewwa Clique flimkien ma' Paul Borg. Huwa kien qieghed jitkellem ma' habib tieghu u hija warbet ftit u fil-pront mar bouncer ghaliha u qalilha biex tohrog. Hija wegbitu li ma kellhiex ghalfejn tohrog ghaliex ma kienet ghamlet xejn hazin u beda jigbidha ghall-barra. Hija ma tafx min kien. Imbaghad sabet ruhha mdawra bejn tlett jew erba' bouncers u haduha 'l barra. Kif kienet fuq it-tarag u rat lil Paul Borg qalghet daqqa ta' ponn u waqghet u hasset li snienha ma kienux hemm u bdiet tippanikkja. Paul Borg qalilha biex jiccaqalqu minn hemm u marru quddiem Bay Street u kif ra ppanikkjata qalilha li kien se jmur jiehu s-sodisfazzjoni. Paul Borg qalilha li kien Steve Catania li ta daqqa ta' ponn izda hija ma ratx min ta d-daqqa.

Inkwantu ghan-natura tal-griehi, Dr Claire Vella ikkonfermat ic-certikat mediku[6] li huma ta' natura gravi.

Stephen Catania xehed[7] li fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Settembru 2012 kien qieghed xoghol mal-bieb tal-istabiliment Clique. Dakinhar kien hemm habib tieghu jismu Andrew. F'hin minnhom ra tlett persuni b'xi feriti li m'ghandhomx x'jaqsmu mal-kaz u pprova jghinhom. Lil Paul Borg kien jafu mill-klabb. Lil Ruth Laus u lil Paul Borg ma rahomx fl-ebda hin. L-incident li nqala' kien fuq barra.

Andrew Ciantar xehed[8] li dakinhar tal-incident huwa kien mal-habib tieghu l-imputat fi Clique u f'daqqa wahda dahlu tlieta min-nies. dak il-hin kien fejn il-bieb ta' isfel bil-bar faccata. Stephen Catania ha lil dawk in-nies lejn it-toilet u wara ftit l-imputat mar hdejh. Huwa qal li dam hdejn l-imputat ghal hin twil u l-imputat ma kien involut fl-ebda incident.

Filwaqt li rrizulta li Ruth Laus sofriet griehi gravi fid-data indikata fic-citazzjoni, mill-provi prodotti ma rrizultax minghajr dubju dettat mir-raguni li kien l-imputat li fil-fatt kien huwa li aggredixxa lil Ruth Laus. L-istess Ruth Laus ma identifikatx lill-imputat bhala l-aggressur taghha.

[5] Seduta tas-7 ta' Novembru 2012
[6] A fol 10 fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2013
[7] Seduta tas-7 ta' Dicembru 2017
[8] Seduta tas-7 ta' Dicembru 2017

Inoltre′ x-xhieda ta′ Paul Borg kienet kunfliggenti u mhux ta′ min joqghod fuqha. Inoltre′ mic-CCTV footage ezebit kull ma jidher huwa l-incident li fih Paul Borg qala′ xebgha kbira liema incident m′ghandux x′jaqsam mal-proceduri odjerni. Ghalhekk il-versjoni moghtija mill-imputat hija dik aktar kredibbli u veritiera.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minnha tilliberah.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**